31994R3235

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3235/94
ta' l-20 ta' Diċembru 1994
li jemenda, bħala riżultat tas-sħubija ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, ċerti regolamenti fil-qasam ta' l-agrikoltura li jipprovdu finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri għall-Istati Membri ġodda

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994, u b'mod partikolari l-Artikolu 150(3) tiegħu,

Billi, sabiex l-Istati Membri l-ġodda jkunu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament parzjali mill-Komunità ta' ċerti miżuri dwar il-monitoraġġ ta' l-infiq fl-agrikoltura, huwa xieraq li jiġu mmodifikati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-eżaminar mill-Istati Membri ta' tranżazzjonijiet li jifformaw parti mis-sistema ta' l-iffinanzjar mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola [1], (KEE) Nru 307/91 ta' l-4 ta' Frar 1991 fuq ir-rinfurzar tal-monitoraġġ ta' ċertu infiq li jiġi addebitat fuq is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola [2], (KEE) Nru. 3508/92 tas-27 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna mill-Komunità [3] u (KE) Nru 165/94 ta' l-24 ta' Jannar 1994 dwar il-ko-finanzjarjament mill-Komunità ta' *remote-sensing checks* [4];

Billi il-kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-għoti ta' ko-finanzjar tal-Komunità li hemm provvediment dwarhom fir-Regolamenti hawn fuq imsemmija iridu jiġu speċifikati, b'mod partikolari t-tul, it-total ta' l-ammont annwali, ir-rata ta' l-assistenza u l-perċentwali ta' distribuzzjoni bejn l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE) Nru. 4045/89 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 12, "fl-Artikoli 13, 14 u 15", għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fl-Artikoli 13, 14, 15 u 16a";

(b) l-Artikolu li ġej għandu jkun inkluz:

"L-Artikolu 16a

Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-ispejjeż imsemmija fl-Artikoli 13, 14 u 15 magħmula mill-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja fuq perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 1995, b'rata ta' 50 %, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn it-tip ta' l-infiq, sa ammont annwali massimu ta' ECU 360 000 għall kull wieħed minn dawk l-Istati."

2. Ir-Regolament (KEE) Nru. 307/91 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara l-Artikolu 1(1):

"1a. Għall-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun ta' 50 % għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 1995, sa l-ammont annwali massimu ta' ECU 125 000 għall-Finlandja u ECU 250 000 għall-Awstrija u l-Isvezja.";

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara l-Artikolu 2(1):

"1a. Għall-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun ta' 50 % għall-perjodu ta' tliet snin mill 1 ta' Jannar 1995, sa l-ammont annwali massimu ta' ECU 125 000 għall-Finlandja u ECU 250 000 għall-Awstrija u l-Isvezja."

3. Fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 3508/92 it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dawn iż-żewġ subparagrafi:

"B'danakollu, għall-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata għall perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 1995, fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet disponibbli.

L-ammont totali għandu jinqasam bejn l-Istati Membri kif ġej:

għall-1995:	
Il-Belġju	2,2 %
Id-Danimarka	2,3 %
Il-Ġermanja	9,2 %
Il-Greċja	8,0 %
Spanja	16,5 %
Franza	13,3 %
L-Irlanda	4,2 %
L-Italja	18,1 %
Il-Lussemburgu	0,6 %
L-Olanda	2,8 %
L-Awstrija	3,3 %
Il-Portugall	5,3 %

(1) ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 18. Ir-Regolament kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1863/90 (ĠU 170, tat-3.7.1990, p. 23).
(2) ĠU L 37, tad-9.2.1991, p. 5.
(3) ĠU L 355, tal-5.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 165/94 (ĠU L 24, tad-29.1.1994, p. 6).
(4) ĠU L 24, tad-29.1.1994, p. 6.

Il-Finlandja	2,7 %
L-Isvezja	2,4 %
Ir-Renju Unit	9,1 %
għall 1996 u 1997:	
L-Awstrija	39,3 %
Il-Finlandja	32,1 %
L-Isvezja	28,6 %."

4. It-tabella fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru. 165/94 hija b'hekk mibdula b'din it-tabella li ġejja:

" Il-proporzjon li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1(2) sa mill-1 ta' Jannar 1995:

	(%)
Il-Belġju	2,2
Id-Danimarka	2,3
Il-Ġermanja	9,2
Il-Greċja	8,0
Spanja	16,5
Franza	13,3
L-Irlanda	4,2
L-Italja	18,1
Il-Lussemburgu	0,6
L-Olanda	2,8
L-Awstrija	3,3
Il-Portugall	5,3
Il-Finlandja	2,7
L-Isvezja	2,4
Ir-Renju Unit	9,1".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol Fis-seħħ Fi-istess data ta' l-Fitt ta' l-Adezjoni ta' l- 1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORCHERT